MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1381/1993/1

**Joseph Zammit**

**v.**

**Marin Hili u b'digriet tat-22 ta' Marzu 1995 gew mizjuda l-kliem "u Alfred Aquilina" wara l-kliem Marin Hili, ghan-nom u in rappreżentanza ta' Freeport Terminal (Malta) Limited u b'nota ta' l-1 ta' Frar 1994, Alfred Aquilina fil-kwalita tieghu ta' Direttur ta' Freeport Terminal (Malta) Limited assuma l-atti tal-kawza minflok Marin Hili.**

**Il-Qorti:**

Il-kwistjoni f'dan l-appell hija jekk is-socjeta` konvenuta hijiex responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur meta il-*container* importat minnu inqaleb wara li kien inhatt minn fuq il-vapur u kien qieghed jingarr minn post ghal iehor gewwa l-Freeport.

**Preliminari**

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma brevement s-segwenti:

1. Fis-26 ta' Mejju 1992, wasal Malta fil-Freeport Terminal il-*container* numru YACU 240308/6 importat mill-attur li kien mimli bi "*float glass sheet".*
2. Wara li dan il-container inhatt minn fuq il-vapur, tpogga, flimkien ma' *container* iehor, fuq *trailer* li kien imwahhal ma' *tug master* (li huwa "ziemel"), sabiex mill-vapur jittiehed f'parti ohra tal-Freeport.
3. Dan it-*tug master* kien qed jigi misjuq minn haddiem tax-xatt, li jaghmel xoghol ta' xufier skond kif jigi lilu assenjat mill-*foreman* li hu inkarigat mill-haddiema tax-xatt fil-Freeport.
4. Waqt li x-xufier kien qieghed isuq, il-vettura gholiet minn quddiem u b'hekk iz-zewg *containers* inqalbu u waqghu.
5. Konsegwenza ta' dan l-incident, il-hgieg kollu li kien fil-*container* impurtat mill-attur inkiser u gie distrutt.

Fic-citazzjoni tieghu, l-attur talab li l-Prim Awla tal-Qorti Civili:

1. tiddikjara illi l-incident in kwistjoni gara tort tal-konvenut nomine;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas id-danni kif likwidati.

Is-socjeta` konvenuta eccepiet:

"1. Illi l-eccipjenti wahdu [allura Marin Hili] m'ghandux ir-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta` "Freeport Terminal (Malta) Limited" stante li skond l-artikolu 63 ta' l-istatut ta' assocjazzjoni ta' l-istess socjeta` ir-rapprezentanza gudizzjarja hija vestita f'zewg diretturi;
"2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` Freeport Terminal (Malta) Limited m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur;
"3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess fil-kaz li r-relazzjoni guridika bejn is-socjeta` Freeport Terminal (Malta) Limited u l-attur temani mill-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta, l-azzjoni attrici hija perenta a bazi ta' l-artikolu 65 ta' l-istess Att stante li l-azzjoni ma saritx fiz-zmien rikjest mill-istess artikolu;
"4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` Freeport Terminal (Malta) Limited ma hijiex responsabbli ghall-allegati danni sofferti;
"5. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 1995 (a fol. 15 tal-process), l-ewwel Qorti akkordat talba ghall-korrezzjoni ta' l-atti, u s-socjeta` konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha.

**Is-sentenza appellata**

B'sentenza moghtija fit-3 ta' Mejju 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili qatghet il-vertenza billi fl-ewwel lok cahdet l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta u billi fit-tieni lok laqghet it-talbiet ta' l-attur u iddikjarat illi l-incident in kwistjoni gara tort tas-socjeta` konvenuta, illikwidat id-danni kollha sofferti mill-attur fis-somma komplessiva ta' tlett elef hames mija u tnejn u tletin liri Maltin u erba' u tmenin centezmi (LM3,532.84) u ikkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' LM3,532.84 in linea ta' danni u dana bl-imghaxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni, u bl-ispejjez kollha a karigu ta' l-istess socjeta` konvenuta.

L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat:

“Jirrizulta li l-attur f'Mejju tal-1992 importa gewwa Malta, fuq il-bastiment MV Maruyah, kwantita ta' hgieg, cioe' "float glass sheets", f'container ta' ghoxrin (20) pied li kien igib in-numru YACU 240308/6. Jirrizulta li wara li l-imsemmi container inhatt minn fuq il-vapur, tpogga, fl-imkien ma container iehor ukoll ta' ghoxrin (20) pied kontenenti sufri, fuq trailer li hu mgharuf bhala "tug master" sabiex mill-vapur jittiehed f'parti ohra tal-Freeport. Dan it-trailer kien qed jigi misjuq minn Lawrence Attard, li hu "port worker" u li jghamel xoghol ta' xufier skond kif jigi lilu assenjat mill-foreman li hu inkarigat mill-port workers fl-istess Freeport;

“L-imsemmi xufier qal li l-incident sehh fil-hin li kien fil-wita u beda jdur. Il-vettura li kien qed isuq gholiet minn quddiem u b'hekk iz-zewg containers inqalbu u waqghu. Minhabba f'hekk il-hgieg kollu li kien go l-imsemmi container inkiser u gie distrutt. L-imsemmi xufier jghid li dana kollu gara minhabba l-fatt li l-container in kwestjoni, kontenenti hgieg u li kien hafna ttqal mill-container l-iehor, kien mghobbi fuq quddiem. Huwa jghid li l-container li jkun jizen aktar suppost li jitghabba fuq wara. Huwa jghid ukoll li dawk li jkunu qed jiehdu hsieb li jghabbu l-containers fuq it-trailer ikunu jafu kemm ikun jizen kull container;

“Xhieda prodotti mis-socjeta konvenuta jghidu li dan l-incident seta gara minhabba l-fatt li l-merkanzija cioe' l-hgieg ma kienx stivat kif suppost. Dan ma jirrizultax li kien il-kaz. In effett xhud, li ghin sabiex isir "survey report" mitlub mill-attur, jghid li l-merkanzija kienet ippakkjata f'kaxex li generalment jintuzaw ghall-garr tal-hgieg u li l-container kien jidher li gie stivat kif isir solitament fil-garr tal-hgieg;

“In vista ta' dan kollu jirrizulta li l-incident in kwestjoni sehh minhabba l-mod zbaljat kif il-container de quo tghabba fuq it-trailer, li kellu jgorru ghal parti ohra fil-Freeport;

“L-attur isostni li s-socjeta konvenuta ghandha tigi ritenuta responsabbli ghal dan l-incident u ghal-fatt li l-hgieg kollu gie distrutt. Ghalhekk l-attur jippretendi li s-socjeta

konvenuta ghandha tigi kundannata thallas id-danni kollha li huwa sofra minhabba dawn il-fatti;

“Da parti taghha s-socjeta konvenuta qed teccepixxi, preliminarjament, li m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur. F'dan ir-rigward is-socjeta konvenuta tippretendi li r-relazzjoni guridika ta’ l-attur hi primarjament mal-vapur a bazi tal-polza tal-kariku, u sussegwentement mal-kuntratturi tal-port. Inoltre s-socjeta konvenuta teccepixxi li, fil-kaz li r-relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ konvenuta u l-attur temani mill-Att ta’ l-1991 dwar l-Awtorita’ Marittima ta’ Malta, l-azzjoni attrici hija perenta a bazi ta’ l-artikolu 65 ta’ l-istess Att stante li l-azzjoni ma saritx fiz-zmien rikjest mill-istess artikolu. Fl-ahhar is-socjeta konvenuta tippretendi li mhux responsabbli ghall-allegati danni sofferti mill-attur;

“Generalment ir-responsabilita' tal-vapur tispicca malli l-container jinhatt minn abbord. Jirrizulta li effettivament il-merkanzija in kwestjoni giet skarikata regolarment minn abbord u ghalhekk ghandu jigi eskluz li hemm xi responsabilita tal-vapur. Ma jirrizultax li l-haddiem tal-port li kien qed isuq il-vettura involuta f'dan l-incident ghandu xi htija ghar-rigward tal-istess incident;

“Ir-responsabilita tirrizulta li hi tas-socjeta konvenuta, li hi responsabbli ghall-operazzjonijiet kollha involuti fil-hatt tal-merkanzija minn fuq abbord il-vapur u fit-tghabbija tal-istess merkanzija fuq it-trailer. In effett, kif gia gie rilevat, il-htija tirrizulta li hi fil-mod kif tghabba il-container fuq dan it-trailer jew "tug-master". Id-Deputy Chairman tas-socjeta' konvenuta kkonferma li hi r-responsabilita' tas-socjeta konvenuta li tiskarika l-merkanzija minn fuq il-vapur u tghabbija fuq it-trakk jew trailer li jkun ser igorr l-istess merkanzija;

“Fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta li hemm relazzjoni guridika diretta bejn l-attur, bhala sid tal-merkanzija, u s-socjeta konvenuta, li kienet responsabbli ghall-operazzjonijiet f'parti tat-tragitt li kien ser iwassal l-istess merkanzija ghand l-attur. Jirrizulta ukoll li eventwalment l-attur kellu ukoll ihallas lis-socjeta konvenuta ghal dawn is-servizzi.

Lanqas ma huma applikabbli l-provedimenti tal-Att imsemmi mis-socjeta konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha;

“Jirrizulta ghalhekk sufficjentement li s-socjeta konvenuta ghandha titqies responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghad-danni rizultanti. Konsegwentement l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu michuda;

“Jirrizulta sufficjentement ipprovat ukoll li d-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' dan l-istess incident jammontaw ghas-somma komplessiva ta' tlett elef hames mija u tnejn u tletin liri maltin u erba u tmenin centezmi (Lm3532.84), inkluz id-dazju li thallas mill-attur ghar-rigward tal-istess merkanzija in kwestjoni;”

**L-appell**

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza. L-aggravji taghha – kollha subordinati u “bla pregudizzju” wiehed ghall-iehor – jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. illi fil-mument li fih grat il-hsara r-relazzjoni guridika ta’ l-attur ma kienitx mas-socjeta` appellanti, izda kienet ghadha mal-linja tal-vapur li kienet ikkuntrattata li ggorr il-merkanzija taht il-polza tal-karigu;
2. illi ir-responsabbilita` tal-merkanizja kienet ghaddiet ghand is-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.;
3. illi jekk hemm relazzjoni guridika bejn l-attur u s-socjeta` appellanti, din tista’ temani biss taht l-Att ta’ l-1991 dwar l-Awtorita’ Marittima ta’ Malta u ghaldaqstant l-azzjoni attrici hija perenta a bazi ta’ l-Artikolu 65 ta’ l-istess Att; u
4. illi s-socjeta` konvenuta (appellanti) ma kienitx responsabbli ghall-allegati danni sofferti stante li dawn gew ikkawzati minn haddiem tal-port licenzjat taht il-Kap. 171 li ma huwiex impjegat tas-socjeta` konvenuta.

L-attur appellat naqas li jipprezenta risposta ghar-rikors ta’ l-appell, pero` waqt it-trattazzjoni orali huwa insista illi l-Qorti kellha tmur oltre dak li tipprovdi l-polza tal-karigu, billi fil-kaz odjern kien hemm responsabbilita` delittwali, stante illi l-merkanzija kienet tghabbiet hazin.

**L-Ewwel Aggravju**

L-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti huwa fis-sens illi fil-mument li fih grat il-hsara r-relazzjoni guridika ta' l-attur ma kienitx mas-socjeta` appellanti, izda kienet ghadha mal-linja tal-vapur li kienet ikkuntratata li ggorr il-merkanzija, cioe` mal-vettural taht il-polza tal-karigu.

Jigi rilevat qabel xejn illi l-attur naqas li jipprezenta kopja tal-polza tal-karigu relattiva ghall-merkanzija mertu tal-kaz odjern. Pero, ix-xhud Noel Ellul, prodott mis-socjeta` konvenuta, ezibixxa kopja ta' polza ta' karigu li qal li hija *standard* ghall-polzi ta' karigu li tohrog il-United Arab Shipping Company (UASC), li hija l-linja tal-vapur in kwistjoni (ara xhieda a fol. 71 tal-process). Din il-kopja giet immarkata bhala dokument "NE1" u tinsab ezibita a fol. 73 u 74 tal-process. L-attur ma kkontestax il-veracita` ta' din l-asserzjoni, u ghaldaqstant ghandu jitqies li l-kundizzjonijiet imnizzla fil-polza ta' karigu a fol. 74 tal-process, huma identici ghal dawk li kienu jirregolaw it-trasport tal-merkanzija impurtata mill-attur u li hija mertu ta' din il-kawza.

Il-klawsola numru 5 tal-polza tal-karigu, reza applikabbli ghall-kaz odjern in virtu ta' Klawsola 6(3), tghid hekk: *"The carrier shall be liable for loss or damage to the goods occurring between the time when he receives the goods for carriage and the time of delivery ... ..."* u mbaghad telenka numru ta' eccezzjonijiet ghal din ir-regola li ma humiex rilevanti ghall-fini tal-kaz odjern. Il-polza ta' karigu ma tiddefinix il-frazi *"time of delivery"* u ghalhekk din ghandha tinghata t-tifsira naturali taghha, cioe` il-mument meta il-merkanzija tigi konsenjata lil min hu intitolat jirceviha. Kieku l-polza ta' karigu riedet tfisser il-mument meta il-merkanzija tinhatt minn fuq il-vapur, dan kienet tghidu espressament billi tuza' l-frazi *"time of discharge"* jew *"time of unloading".* Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, fil-mument li grat il-hsara, ir-relazzjoni ta' l-attur appellat kienet ghadha mal-vettural, u cioe ma' UASC, in forza tal-polza tal-karigu.

Mill-provi jirrizulta illi l-operazzjonijiet li kienet qed tezegwixxi s-socjeta` appellanti kienet bhala kuntrattur ta' l-istess vettural, taht kuntratt li kellu l-vettural mas-socjeta` appellanti.

Klawsola 4 tal-polza ta' karigu taghmilha cara illi: *"The Carrier shall be entitled to sub-contract on any terms the whole or any part of the carriage, but the contract evidenced by this bill of lading is between the Merchant and U.A.S.C. and it is agreed that U.A.S.C. only shall be liable as carrier under this contract."* Dan naturalment ghall-istadji kollha li jkopri l-kuntratt bejn il-vettural u l-attur appellat, u cioe` sal-mument tad-*"delivery".* Klawsola 4 tkompli tghid illi: *"The Merchant agrees that (other than the Carrier) no person (which expression shall include any servant or agent of U.A.S.C. or any independent contractor or carrier employed by U.A.S.C. to carry out any of its obligations hereunder) shall in any circumstance be liable to the Merchant for any loss, damage or delay of whatsoever kind howsoever caused to the goods and that if any such person is, contrary to this provision, held liable the Merchant will indemnify U.A.S.C. against all consequences thereof ... ..."*

Minn din il-klawsola jidher car illi l-attur appellat jista' jkollu biss dritt ta' azzjoni kontra l-vettural ghall-indennizz tal-hsara li sofra. B'din il-Klawsola 4 huwa rrinunzja ghal kwalunkwe dritt ta' azzjoni, li huwa ghall-grazzja ta' l-argument seta' kellu, kontra kuntratturi tal-vettural, inkluza s-socjeta` appellanti. Ghall-fini ta' din il-kawza ma hemmx bzonn li wiehed jezamina jekk din il-klawsola hijiex valida taht il-ligi Maltija, stante li l-polza ta' karigu tippreskrivi li l-ligi applikabbli hija dik ta' l-Ingilterra jew tal-Kuwait, a xelta tal-vettural (Klawsola 24), u ghalhekk il-validita` ta' din il-klawsola trid tigi determinata b'wahda minn dawn iz-zewg ligijiet. Fi kwalunkwe kaz, l-attur appellat ma kkontestax il-validita` ta' din il-klawsola.

L-argument ta' l-attur appellat huwa li din il-Qorti ghandha tinjora l-kundizzjonijiet kontenuti fil-polza ta' karigu, billi l-azzjoni odjerna hija ibbazata fuq relazzjoni *ex delicto* (ara verbal a fol. 13 tal-process). Kif gie ritenut mill-Qorti tal-

Kummerc u kkonfermat minn din il-Qorti (diversament komposta) fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Busuttil v. Emmanuele Schembri***, deciza fl-appell fid-19 ta’ Frar 1954 (Vol. XXXVIII-I-292):

*“Illi huwa veru li mhux kull vjolazzjoni tad-dritt ta’ haddiehor li tigri fl-adempiment ta’ kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali; pero’, biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali jehtieg li dik il-vjolazzjoni ma jkollhiex rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti, l-ghaliex anki fil-prezenza ta’ kuntratt jiddependi mic-cirkostanzi l-gudizzju jekk il-kolpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kontrattwali jew akwiljana.*

*“Illi l-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta’ ezekuzzjoni jew f’ezekuzzjoni hazina, ta’ obligazjoni rizultanti minn kuntratt. Ghal din il-kolpa kontrattwali topponi ruhha l-kolpa akwiljana jew delittwuza, li fl-ezistenza ta’ kuntratt tivverifika ruhha pero biss meta l-fatt kolpuz li jigi maghmul ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali.”*

Fil-kaz in dizamina, il-fatt kolpuz addebitat lis-socjeta` konvenuta appellanti mhux evidentement indipendenti u awtonomu mill-kuntratt ta’ garr ta’ merkanzija kif kontenut fil-polza ta’ karigu. Fil-fatt, il-fatt kolpuz in kwistjoni ma hu xejn hlief ezekuzzjoni hazina ta’ wahda mill-obbligi assunti fil-kuntratt ta’ garr. Konsegwentment, l-azzjoni kellha tigi diretta lejn il-vettural li assuma l-obbligi fil-konfront ta’ l-attur appellat, u mhux tigi diretta kontra s-socjeta` appellanti li kienet qed tagixxi biss bhala kuntrattur tal-vettural, u li ma kellha l-ebda relazzjoni kontrattwali ma’ l-attur appellat.

Fid-dawl tal-premess, l-ewwel aggravju tas-socjeta’ appellanti huwa gustifikat u ser jigi milqugh. In vista ta’ dan, mhux necessarju li din il-Qorti tezamina l-aggravji l-ohra, li kollha gew sollevati subordinatament u bla pregudizzju ghal dan l-ewwel aggravju.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tichad it-talbiet

attrici, bl-ispejjez kemm ta’ l-ewwel istanza kif ukoll ta’ din l-istanza jithallsu mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------